Minuti tal-laqgħa straordinarja bin-numru erbgha u sittin (64) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar it-Tlieta, 6 ta' Gunju 2023 fis-6.00pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| Preżenti: | | |
|---|---|---|
| | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sa Janice Busuttil | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

| | | |
|---|---|---|
| 64.01 | **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**<br>Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri qalu t-talba flimkien u s-Segretarju Ezekuttiv qal li ghandu talba mill-kunsillier is-Sra Janice Chetcuti sabiex tkun tista' ssegwi on-line. Din it-talba kienet accettata b'vot unanimu. Is-Sur Chris Farrugia li kien fostna u qal li ma setax jattendi ghal-laqgha, qal illi hu joggezzjoni ghall-Izvilupp fil-Wied ta' Gheriexem u kien skuzat. Is-Sur Kris Farrugia ukoll talab li jkun skuzat permezz tat-telefon lis-Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsill ma kellux oggezzjoni lanqas. | Talba u Apoloġiji |
| 64.02 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab illi nistennew liill-Perit David Vassallo sabiex jattendi, u x'hin gie ghal-laqgha din kienet sospiza. Minkejja dan, il-minuti tagħha fuq qbil minn kulhadd kienu mehuda. Dak il-hin stess is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab lis-SE Icempel lil Dr Richard Sladden biex niftehmu ghal laqgha ohra dwar l-izvilupp propost f'Gheriexem biex jiltaqa' mal-Perit D Vassallo halli nippreparaw l-oggezzjoni taghna. | |
| 64.02.01 | PA 3147/23 - F/H Triq Għeriexem, ir-Rabat (Amendments to PA4835/02 (Rehabilitation and extension to existing farmhouse). Application calls for the construction of a farmhouse over one floor since existing rooms were collapsed during works)<br><br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat hu kontra l-applikazzjoni fuq imsemmija għaliex din se toħloq preċedent kbir u jinqered il-Wied t'Għeriexem. Dan wara l-isforzi kbar tal-Gvern biex kienu investiti miljuni ta' Ewro u jkun hemm Belveder li wkoll dak iż-żmien kien wieħed li ħoloq kontroversja sħiħa għaliex kienet se tittieħed art biex permezz tagħha wieħed igawdi l-ħdura u mhux il-bini ta' wied fl-istat verġni tiegħu.<br><br>Barraminhekk l-iżvilupp qed ikun propost fis-sit fejn jinħaraq in-nar tal-festi tar-Rabat u se jkun hemm diffikulta' kbira biex din l-arti intanġibbli tkun aktar | PA 3147/23 |

apprezzata u tinżamm bħala wirt kulturali fir-Rabat, darba fis-sena – iżda li għaliha hemm għaxriet ta' voluntieri li jaħdmu fil-kmamar tan-nar tagħhom u jiffabrikaw dan in-nar tal-festa.

Is-sit kien inħariġlu permess għall-riabilitazzjoni u estenzjoni għaliex kien eżistenti qabel l-1967 bħala razzett b'applikazzjoni PA 4835/02. Fil-proċess ta' din l-applikazzjoni l-applikant iddeskriva kif il-ħitan ta' din l-istruttura kienu f'kundizzjoni ħażina u ppreżenta dokument bil-metodu tar-restawr PA 4835/02/22B u l-Awtorità tal-Ippjanar ħarġet il-permess fl-2003. Minkejja dan id-dokument ir-razzett inħatt kompletament u ma sarx restawr tiegħu kif miftihem. Għaldaqstant fl-2008 l-Awtorità ħarġet Ordni ta' Twaqqif permezz ta' notifika ECF 46/08 għaliex ix-xogħlijiet ma kienux skont il-metodoloġija tar-restawr skont kif approvat minnha. Imbagħad l-applikant daħħal l-applikazzjoni PA 1313/08 għal bini ta' razzett fuq sular wieħed bil-premessa li l-kmamar waqgħu waqt ix-xogħlijiet minflok appella id-deċiżjoni ta' Infurzar u Twaqqif kif normalment isir. Dan ifisser illi l-applikant qatt ma innega l-ordni għal twaqqif maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar. Dan jikkonferma illi l-ħatt tal-kmamar kien illegali. Dan kien ukoll konfermat fid-deċiżjoni tal-appell dokument 113. Madankollu l-applikazzjoni l-ġdida ma titlobx sanzjonar tal-ħatt illegali tal-kmamar u l-iżvilupp ma kiex konsidrat skont ir-Regolamentazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar 17(5) of LN 162/16, li tgħid illi ma jistax ikun ikkunsidrat żvilupp ġdid sakemm l-illegalità tkun kontrollata u regolata mill-applikant.

Is-sit hu f'post fejn hemm valur konsiderevoli ta' xenarju (is-sit hu skedat AHLV tal-Imdina b' GN 348/01) u jħares fuq il-wied magħruf bħala Wied tal-Ġnien Ħira, jew il-Wied t'Għeriexem. Il-kmamar oriġinali li twaqqgħu kienu struttura vernikulari sinifikanti u ta' arkitettura pjaċevoli, tant illi l-permess PA 4835/02 inħareġ bl-iskop illi dawn kienu importanti li jinżammu billi sar dokument ta' metodoloġija tar-restawr tagħhom estensiv (PA 4835/02/22A) u dan kien eventwalment approvat. Is-sinifikat ta' dawn il-kmamar kien ukoll determinat anke fl-outline permit PA 1485/96 (li kien approvat fl-2001) fejn kundizzjoni numru 6 tgħid "the building's vernacular elements shall be retained in the same location". Għaldaqstant ir-riabilitazzjoni u r-restawr kienu il-premessa biex dak iż-żmien jinżammu dawn il-kmamar agrikoli ta' mhux aktar minn 100 metru kwadru Policy 6.2A ta' RPDG (2014) li tirregola bini b'arkitettura f'ODZ konvertiti f'bini abitabbli (criterion 2d) fejn estenzjonijiet kbar m'humiex tollerati (criterion 3).

L-Awtorità tal-Ippjanar qalet ċar u tond illi f'każi fejn bini oriġinali jitwaqqa' fil-verità m'hemm l-ebda' bini x'jiġi riabilitat u għaldaqstant m'hemm l-ebda' footprint ta' mill-inqas 100 metru kwadru x'jiġi konvertit f'razzett abitabbli għax il-proposta dak iż-żmien kienet illi jkun hemm bini totalment ġdid. Għaldaqstant il-proposta ma tikkwalifikax taħt Policy 6.2A ta' RPDG (2014) u mhix lanqas permissibbli taħt Policy 6.2C ta' RPDG (2014) li tgħid illi l-iżvilupp mill-ġdid ta' bini eżistenti f'ODZ mhux permess skont (criterion 2).

L-Awtorità tal-Ippjanar qatt ma kienet ikkunsidrat li l-applikazzjoni f'zona rurali f'ODZ bħala waħda ġustifikata għaliex din hija sempliċiment ħolqien ta' żvilupp ġdid li mhux konformi mal-policy tal-Gvern u tmur kontra Thematic Objective 1.10 u Rural Objective 3 tal-Pjan Strateġiku f'zona rurali għall-Ambjent u Ippjanar.

| | | |
|---|---|---|
| | Minbarra dan il-proposta tal-applikant, li tinvolvi il-kostruzzjoni kompleta mill-ġdid ta' razzett, tmur kontra l-istrateġija ta' preservar ta' kmamar vernakulari kif espressa fit-Thematic Objective 8.7 tal-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u Żvilupp. Id-Direttorat tal-Ippjanar stess kien iddikjara illi l-applikant m'għandux jibbenefika minn illegalità li ġabet fix-xejn l-enerġija kollha tal-Awtorità tal-Ippjanar biex f'zona ODZ ma jinbeniex post għall-abitazzjoni u jkun salvat il-Wied ta' Għeriexem. | |

F'din il-laqgha kien deciz illi l-Kunsill Lokali tar-Rabat ma jissehibx mar-Regjun Punent fl-attivita tal-Clean Up peress li l-applikazzjoni taghna trid tiddahhal sa nhar il-15 ta' Gunju, 2023. Dan ghaliex il-Kunsill se japplika direttament.

Il-laqgha ntemmet fit-8:00pm u l-Kunsill Lokali tar-Rabat se jiltaqa' mal-avukat u l-Perit nhar il-Hamis, 8 ta' Gunju 2023 fl-istess post dwar din il-materja.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Maghmula minn Anthony Bonello u approvati illum 21 ta' Gunju 2023 mis-Sur Sandro Craus

Segretarju Ezekuttiv Sindku